KUNSILL LOKALI
QALA

**MINUTI LAQGHA NUMRU 5**
**TAL-KUNSILL LOKALI QALA**

It-Tnejn, 15 ta' Lulju 2024

Il-Kunsill Lokali Qala ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku Qala, illum it-Tnejn, 15 ta' Lulju, 2024, fl-16:00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
Paul Buttigieg – Sindku
Noel Mizzi – Viċi Sindku
Karl Buttigieg Buttigieg – Kunsillier
Valerie Cassar Mejlak - Kunsilliera
Rene Abela - Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJA (skond Ordni Permanenti 14A(3)):

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Heidi Grech- Segretarju Eżekuttiv



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

KUNSILL LOKALI QALA

**Minuti**

Is-Sindku Paul Buttigieg ippresieda l-laqgħa.

## 5.1 Talba

5.1 Il-laqgħa bdiet fl-16.00pm. Intqagħlet it-talba tal-bidu.

## 5.2 Qari tal-ittri tal-apoloġiji;

5.2 Il-Membri kienu kollha preżenti u għalhekk ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

## 5.3 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti

5.3.1 Ġew ippreżentati u approvati unanimament l-Minuti numru 1, 2, 3 u 4 li kienu ntbgħatu mal-aġenda għall-attenzjoni tal-Kunsill. Is-Sindku talab għal korrezzjoni li ġiet sekondata mill-Viċi Sindku f'punt numru 2.3 tal-Minuti numru 2. Il-korrezzjoni mitluba ġiet approvata u l-Minuti ġew emendati, iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 5.4 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti Nru 6.

5.4.1 Ġiet ippreżentata l-iskeda ta' ħlasijiet bin-numru 06/2024 li kienet intbgħatet mal-Aġenda għall-attenzjoni tal-Kunsill. L-Iskeda kif ippreżentata ġiet approvata unanimament.

## 5.5 Komunikazzjoni mis-Sindku

Is-Sindku għarraf lill-membri preżenti:

- Doggy bins bdew jitbattlu darbtejn fil-ġimgħa mill-ħaddiema tal-kunsill
- Reġa fakkar lill-BCRS dwr it-talba tal-Kunsill sabiex issir magna tar-riċiklaġġ tal-flixken fil-Qala
- Nħeġġu lin-nies sabiex jattendu għall-Open day tal-librerija li se ssir il-Ħadd, 21t' Lulju.
- Informa lill-membri li l-attivita' SPIN ma kinitx attivita' tal-Kunsill.- Il-Kunsill ta' biss il-permess għall-attivita' fuq il-moll bħal ma jagħmel ma attivitajiet oħra. Spjega li l-organizzaturi stiednu lilu personali biex jgħid kelma. Kompliet diskussjoni minħabba li l-Kunsillier Karl Buttiġieġ qal li l-Kunsill hu magħmul minn ħames membri u ma għandu jinqabeż ħadd. Irrefera għal-post li kien tella hu stess fejn kiteb li qiegħed flimkien mal-Kunsilliera Rene Abela u Noel Mizzi.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

- Kif kien ġie maqbul, l-Kunsill se jkun qed jiġbor l-istimi biex jinxtara arloġġ ġdid fi Pjazza Isqof Mikiel Buttiġieġ.
- Sar il-bexx kontra l-insetti fil-pjazza.
- Qed isir iż-żbir tas-siġar tal-Pjazza fuq il-linji gwida moħruġa mill-ERA
- Ħabbar li l-Erbgħa, 10ta' Lulju, ġie ffirmat d-dokumentazzjoni finali għal Local Plan Review għal Hondoq ir-Rummien. Spjega li kif ħabbar il-Ministru Għal Għawdex u l-Ippjanar, din id-dokumentazzjoni ser titressaq quddiem il-Kumitat Parlamentar għall-approvazzjoni finali sabiex tidħol fis-seħħ il-bidla fil-Pjan Lokali tal-2006 għal Għawdex u Kemmuna. Fakkar li għal din l-okkazjoni kien mistieden il-Kunsill kollu.
- Fit-2 ta' Lulju reġgħat ġiet ikkonfermata l-istatus ta' Blu Flag għal bajja ta' Hondoq.
- Irringrazzja lill-persuna li kkuntatjatu fil-21ta'Ġunju dwar skart li kien intrema f'kantuniera ma Triq il-Barbagan. Community police ħadu azzjoni u l-persuna ġiet immultata.
- Irringrazzja lil Community Police tas-servizz li joffru.
- Informa lill-membri preżenti li l-ħin għal-mistoqsijiet minn kull kunsillier ma tistax tkun itwal minn ħames minuti.

## 5.6 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera

**Mill-Viċi Sindku Noel Mizzi:**

- Irrimarka li għadu ġdid pero jixtieq li għalkemm nistgħu naqblu jew ma naqblux nistgħu nippruvaw nsibu triq fil-parametri tal-Kunsill sabiex naqdu l-bżonnijiet tar-residenti mingħajr ma jsiru laqgħat li jdaħħku lin-nies u jwasslu biss għal ħela ta' ħin.

**Mill-Kunsillier Karl Buttiġieġ**

- Fakkar fit-talba sabiex issir tarġa quddiem żewġ bankijiet fi Triq l-Isqof Bagldassare Cardassare
- Sabiex isir xogħol ta' patching fi Triq is-Simar minħabba li ma sarx fil-postijiet kollha. Jekk ma jżommx jitqaxxar bħal ma sar f'postijiet oħra.
- Semma l-bżonn li mmexxu għall-akkwist tal-Community Van. Se jiġu diskuss fil-punt tal-aġenda.
- Fakkar fejn se jitpoġġew il-kiosks tal-festa u l-knis. Se jiġu diskussi
- Semma t-trukk tal-Kunsill li qed ikun ipparkjat fil-kantuniera u jkun ta' periklu. Is-SE nfurmat lill-membri li l-ħaddiema kollha ġew avżati biex ma jerġax jiġi pparkjat hemm.
- Fakkar fil-bozza li kien ippropona għal ta' Kassja. Talab li l-bozza twaħħlet pero' kien hemm ftit problem dwar il-kumnikazzjoni tagħha u hemm bżonn tiġi diskussa mal-Inġinier tal-Enemalta.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Ghawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

- Ressaq talba għal Bozza oħra fi squq Triq il-Wardija. Kien hemm qbil li ssir.
- Ippropona li nippruvaw nġibu l-magna tal-BCRS għal ġimgħa tal-festa kif ukoll li nżidu n-numru ta' bins għal 20. Kien hemm qbil.
- Talab update dwar il-monument u z-zebra crossing. Se jiġu diskussi.
- Dwar l-attivita' SPIN, wieġeb li minkejja li s-Sindku stqar li kiem mistieden hu biss, irrefera għal post li kien tella s-Sindku fejn skuża lil Noel u miegħu kien hemm Rene. Talab li jixtieq li tkun paġna ġdida u fejn jinvolvi l-Kunsill, kulħadd ikun mistieden.
- Semma li kien hemm bżonn ta' puluzija u ma nstabx. Għalhekk jitlob li l-għassa tal-Qala għanda tinfetaħ, jekk mhux kuljum almenu ġurnata l-Qala u ġurnata Għajnsielem. Kien hemm qbil dwar dan u din it-talba se titressaq fil-laqgħa mal-Community Police.
- Talab biex jinqata l-ħaxix ta' Triq l-Iklin.

**Mill-Kunsilliera Valerie Cassar Mejlak**

- Fakkret li d-double yellow lines u lanqas is-stops signs jew slow signs ma saru u għalhekk dan qed iwassal għall-konġestjoni kbira tat-traffiku.
- Semmiet li ntlaqtet il-gallarija tagħha u iċċekjat mall-Kunsill jekk il-crane li laqat il-gallarija tagħha kellux permess mill-Kunsill u l-iskrivana nfurmatha li kellu permess. Kompliet tgħid li l-Kunsill ma kienx bagħat bil-miktub lil Ruben Said ta TM kif kienet ikkonfermat l-iskrivana. Għalhekk hija tallbet li bħal ma sar f'każijiet oħra fejn minħabba negliġenza tal-Kunsill, il-Kunsill ħallas l-ispejjeż, hija talbet li l-Kunsill jkopri l-ispejjeż tal-ħsara li saret lill-gallarija tagħha.

*(Il-Kunsilliera Valerie C Mejlak ħarġet mill-kamra fl-16.25)*

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri li l-Kunsill ikun ħareġ il-permess lir-resident u huwa fir-responsabilita' tal-applikant li jimxi mal-permess li jkun intalab u ngħata. In-No Objection minn TM tintalab biss meta jkun hemm il-bżonn li ssir divertion tal-bus route u mhux għaliex il-permess huwa suġġett għall-approvazzjoni minn TM biex jagħti permess għal għeluq ta xi triq. F'dan il-każ, l-iskrivana kienet ġabet l-approvazzjoni ta' TM sabiex tiġi diverted il-bus route permess ta' telefonata li saret ma TM minħabba li l-applikant kien qed jitlob il-permess għal dak in-nhar stess. Is-Seg. Eżekuttiv nfurmat lill-membri li se tivverifika jekk il-permess kienx full road closure jew le u din il-materja tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

Il-Kunsillier K. Buttigieg staqsa dwar kif il-linji s-sofor ġodda saru fil-pjazza u dawk li kienu hemm qabel ma reġgħux saru. Is-SE infurmat lill-membri li l-Kunsill



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

kien talab lill-MGP sabiex jsir repainting tal-istreet signs kollha, pero dawk il-linji sofor tal-pjazza l-ġodda la ġew mitluba u lanqas saru mill-Kunsill.

*(Il-Kunsilliera Valerie C Mejlak daħlet fil-kamra fl-16.33)*

- Staqsiet għaliex għadhom ma twaħħlux id-doggy bins. Is-Sindku nfurmhom li qegħdin ic-CMU biex isirilhom base li jkunu jistgħu jeħlu mal-art. Se jeħlu sa laqgħa oħra
- Ressqet it-talba sabiex isiru l-bins quddiem Villaġġ San Ġużepp. Kien hemm qbil li jsiru 3 bins simili ta' dawk li hemm fil-pjazza u jitbattlu mill-ħaddiema tal-Kunsill.
- Bżonn li jinqata' l-ħaxix ta' mal-bankini fl-area ta' Kassja.
- Ressqet proposta li ġiet sekondata mill-Kunsillier Karl Buttiġieġ li jsiru żewġ zebra crossings, waħda quddiem l-iskola u l-oħra quddiem il-grownd tal-futbol. Kien hemm qbil ukoll sabiex issir mera faċċata tat-triq li hemm fejn il-grownd. Kien hemm qbil li dawn jiġu proġettati fis-sena finanzjarja tas-sena 2025.
- Ipproponiet li terġa ssir l-ħarġa bit-train, l-għada tal-festa. Is-Seg. Eżekuttiv għamlet referenza għar-rapport tal-Awditur Ġenerali u nfurmathom li din ma tistax titħallas mill-fondi tal-Kunsill, pero' bi ħlas tista ssir. Il-Kunsilliera qalet li ġaladarba ma tistax titħallas mill-Kunsill se taħdem fuqha mod ieħor hi.
- Kien hemm qbil li jsiru l-ħarġiet soċjo kulturali għal Chocolate festival fil-Ħamrun u se tkun qed tikkomunika d-data tal-ħarġa mas-Seg. Eżekuttiv. Dwar il-ħarġa soċjo kulturali lejn il-Birgu Fest, se tkun qed tiddiskuti l-ewwel mal-Banda.
- Fakkret li għandha tkompli l-insistenza biex jitneħħew il-blokok mit-triq il-Kunċizzjoni. Ipproponiet li jsiru l-bozoz fi Triq ta' Hondoq minħabba li hi mdallma li jsiru solar. Il-Kunsillier Karl Buttiġieġ qabel ma dan.

Is-Segretarju Eżekuttiv fakkret fil-bżonn li nimxu mal-istanding orders li joħorġu mil-liġi u proposti għandhom jintbgħatu b'email minn qabel sabiex jitnizzlu fuq l-agenda u jkollhom il-ħin biex jiġu diskussi. Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li kienet ilha kwarta u għalhekk l-proposti tibgħathom b'imejl għal darba oħra.

## Mill-Kunsillier Rene Abela

- Talab għal linji sofor fi sqaq f'Triq Wied Simar, minn fejn jgħaddu l-bdiewa. Is-Seg. Eżekuttiv fakkret li din hija triq fejn TM qed jitlob għal Traffic Management. Kien hemm qbil li nippruvaw napplikaw għalih.
- Il-Kunsilliera Valerie C Mejlak semmiet li hemm resident ieħor li huwa diżabli, fl-istess triq li wkoll għandu bżonn il-linji sofor faċċata tal-isquq tiegħu. Kien hemm qbil li napplikaw ma TM. Il-Kunsilliera għandha tibgħat id-dettalji lill-kunsill.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

KUNSILL LOKALI
QALA

## 5.7 Rapport Finanzjarju għall-ewwel kwart tas-sena 2024

Ir-rapport finanzjarju intbgħat minn qabel mal-aġenda u l-istess rapport ġie ippreżentat fuq il-mejda u unanimament approvat.

## 5.8 Management Report għas-sena finanzjarja 2022 kif ukoll għas-sena 2023. Managment letter -Compliance Audit 2023 (NAO)

Ir-rapporti intbgħatu minn qabel mal-aġenda u kopja tal-istess rapporti ġew ippreżentati lill-membri. Ġew ippreżentati wkoll it-tweġibijiet għall-management letters li se jintbgħatu lill-Awditur Ġenerali kif ukoll lid-Direttur Ġenerali.

Ir-rapport tal-Awditur Ġenerali ġie diskuss. Il-Kunsillier Karl Buttiġieġ stqarr li ħafna ~~punti~~ kienu diġa ġew ~~diskussi~~ f'laqgħat ~~qabel~~ u ~~ġew imġiddbin~~ ~~u dan~~ tahom ir-raġun bħal ma hu x-xogħol li sar fi Triq il-Kunċizzjoni. Is-Sindku rrimarka li kien iħalli f'idejn is-Segretarju Eżekuttiv. Ġew diskussi xi punti li għalihom se tiġi fformolata tweġiba min naħa tal-Kunsill. Ir-risposta għal dan ir-rapport se tkun qed tintbgħat lill-membri kollha qabel ma tintbgħat lil NAO. Il-Kunsillier Buttiġieġ staqsa għaliex dan ir-rapport qed jiġi ppreżentat illum u mhux meta wasal il-Kunsill meta hu nfurmat li dan wasal il-Kunsill f' Mejju u allura kellhom dritt jirċevuh dak in-nhar li wasal. Kellu jkun il-Kunsill preċedenti li jerfa r-responsabilta ta' dan ir-rapport. Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lill-membri li mxiet mal-istruzzjoni li ngħatat mid-Divizjoni tal-Gvern Lokali.

Ġiet diskussa wkoll il-punt fejn l-awditur ġenerali rrimarka li minbarra li nsaq bla liċenzja, kellu jsir log book li s-Sindku baqa jinsisti li ma jsirx. Semma wkoll li hemm ċar li s-Sindku li għandu l-allowance u allura bħala Sindku ma jistax jużah, pero jekk qed jużah bħala ħaddiem assenjat mall-Kunsill jressaq fuq il-mejda, d-dokumenti li juru dan u allura jkun jista jsuqu. Is-Sindku nsista li hu kien iffirma ċ-ċekk lil insurance u dan tħalla fil-kexxun. Il-Kunsillier Buttiġieġ staqsa jekk hux qed juża t-trukk bħala ħaddiem tac-CMU, ħalli f'każ ta' xi inċident nkunu nafu li aħna koperti. Is-Sindku qal li se jwieġeb fil-laqgħa li jmiss. Id-diskussjoni baqat għaddejja. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri li l-vettura tal-Kunsill se tintuża biss mill-impjegati tal-Kunsill. Is-Sindku mhux se juża t-trukk għal xogħol relatat mal-kariga ta' Sindku imma jista jużah biss meta jkun qed iwettaq xogħol fil-kariga ta' impjegat assenjat mal-Kunsill. Il-Kunsillier Karl Buttigieg talab li nitolbu direzzjoni mid-Dipartiment minħabba li skont hu dan jinvolvi konflitt ta' interess dirett.

Is-Segretarju Eżekuttiv fakkret kemm hu mportanti li nimxu mar-regolamenti b'mod partikulari mal-procurement regulations. Għamlet referenza għall-punti 12 u 13 u għar-



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Ghawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

rapport tal-NAO kif ukoll mal-imejl li rċeviet mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali datata 12ta' Lulju, li jikkonfermaw li l-Kunsill irid jimxi mar-rakkamandazzjonijiet tal-NAO. Din l-imejl inqrat u se tintbgħat lill-membri kollha. Ġew diskussi r-rakkamandazzjonijiet tal-NAO fejn ġie mitlub li jinġabru l-fondi li tħallsu bħal ma hi t-travelling insurance tar-residenti li siefru u transport li tħallsu mill-kunsill.

Saret referenza ukoll għall-ikla tal-Milied għas-sena 2022 u 2023 fejn ukoll iridu jitħallsu l-flus lura skont ir-rakkamandazzjonijiet tal-Awditur Ġenerali.

Kien hemm disgwit dwar il-fondi li jridu jinġabru lura fejn il-Kunsilliera Valerie C Mejlak insistit li s-Sindku kien offrilha u jekk l-izball għamlu s-Sindku għandu jħallashom hu, kif ukoll jekk is-Seg. Eżekuttiv ma tatx direzzjoni tajba dwar l-ammont għall-ikla tal-Milied 2023 mela għandha tħallashom hi. Is-Seg. Eżekuttiv fakkret li l-ftehim li l-Kunsill iħallas l-ikla tal-Kunsilliera ma kienx sar fil-perjodu tal-kariga tagħha u malli saret taf b'dan il-ftehim, tat direzzjoni lill-Kunsill u lill-Kunsilliera Valerie C Mejlak li din ma setatx tieħu s-somma ta' €141.55 għal ikla biex tpatti talli ma setatx tattendi għall-ikla tal-Milied. Madanakollu, hija xorta nsistit li teħodhom u filfatt ħadithom, allura wieħed ma jistax jgħid li jimxi fuq il-gwida tas-Seg. Eżekuttiv biss meta jaqbel lilu. Id-diskussjoni kompliet għaddejja. Is-Seg. Eżekuttiv wieġbet li għandha l-obbligu li tressaq dawn ir-rakkamandazzjonijiet li ħarġu mir-rapport tal-Awditur Ġenerali u se tkun qed taħdem l-ammonti li jridu jitħallsu lura bħala parti mill-Action plan li saret bi tweġiba għal-istess rapport. Kien hemm qbil li nimxu mar-rakkamandazzjonijiet li ħarġu mir-rapport tal-NAO u li reġgħu gew ikkonfermati fl-imejl li l-Kunsill irċieva mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali.

Il-Kunsillier Karl Buttiġieġ insista li għandna nibgħatu lid-Dipartiment fejn nitolbu direzzjoni bil-miktub dwar jekk is-Sindku jistax juża t-trukk, u dan anka għal fini ta' assigurazzjoni f'każ li jinqala xi nċident. Il-Kunsillier Buttiġieġ qal li jekk id-dipartiment jgħid li jista jużaħ ma għandux diffikulta imma hekk jkun hemm bil-miktub f'każ ta' xi nċident. Ittieħed vot dwar jekk għandix tintbgħat l-ittra lid-dipartiment, 2 favur li tintbgħat u 3 kontra.

## 5.9 – Festa u QIFF 2024

Ġew ippreżentati t-talbiet għal kollaborazzjoni mill-għaqdiet għal żmien il-festa fejn il-Kunsill kien ivvota €5,500 għal dan il-għan. Kien hemm qbil li jsir virement ta' €1,500 u li dan l-ammont jonqos mill-ammont ivvotat għal knis. Kien hemm qbil li l-Kunsill jikkolabora mal-Parroċċa għas-servizz tal-bandisti nhar it-3 u 4 ta' Awwissu 2024 għat-total ta' €4,500. L-ammont ta' €2,500 jmur għal kollaborazzjonijiet mal-Banda, Radju, Briju u nar.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Ghawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

Is-Sindku talab li l-Kiosks isiru fi Pjazza San Guzepp. wara l-knisja. Ittieħed vot u 3 voti favur 2 kontra u wara diskussjoni dwar il-materja.

Kien hemm qbil li l-Kiosks jerġgħu jitpoġġew fi Triq ir-Rebħa, bħas-sena ta' qabel. Kien hemm qbil ukoll sabiex jitqabbad kuntrattur sabiex jattendi mal-latrina pubblika matul il-festa biex minbarra li tinżamm nadifa jiġi evitat l-vandaliżmu.

Is-Seg. Eżekuttiv tat update dwar il-QIFF. Ġejjin il-grupp minn Slovakia, grupp mis-Serbia minn ta' Noel Castillo, Ta' Verna u The 3 M's kif ukoll Kevin Borg. Kien hemm qbil li nħallsuħ €350 deposit sabiex jikkonferma l-parteċipazzjoni tiegħu. Kien hemm qbil ukoll li nistiednu lil Sarah Saliba sabiex tippartċipa wkoll. Ġie diskuss u maqbul ukoll il-pjan tal-parteċipanti għal fuq it-tlett ijiem. Kien hemm qbil ukoll li jekk jibqa wisa ndaħħlu wkoll lil Calypso grupp.

Dwar l-ikla tradizzjonali kien hemm qbil li noħorġu espressjoni ta' nteress b'menu ssettjat u li tkun miftuħa għall-għaqdiet. Kien hemm qbil ta' kif għandu jkun il-menu li jinvolvi l-ewwel platt, t-tieni platt b'għażla ta' tlett platti u deżerta flimkien ma xarba. Kien hemm qbil li l-biljetti jinbigħu mill-kunsill.

Il-membri kienu nfurmati li nġabbru l-kwotazzjonijiet għal knis straordinarju ta' żmien il-festa. L-aktar offerta vantaġġjuża kienet dik ta' Kumitat tan-Nar San Ġużepp għas-somma ta' €3050 (Vat exempt). Kien hemm qbil dwar dan.

## 5.10 Skema LESA-Proġetti fil-Kommunitajiet

Il-Kunsill irċieva l-ittra ta' mpenn mil-LESA datata 9ta' Mejju li turi li l-Kunsill ser jingħata is-somma ta' €61,160 li huwa 80% għall akkwist ta' Van Komunitarju u l-Kunsill jkun irid jiffinanzja 20% tas-somma li hija proġettata li tkun madwar €12,500. Kien hemm qbil li nitolbu għal Van Elettriku(9 seater) ta' kulur abjad kif ukoll li tkun tinkludi l-konverżjoni għall-użu ta' siġġu bir-roti. In-numru tas-seats jonqos minħabba l-konverżjoni. Kien hemm qbil sabiex immexxu bil-pubblikazzjoni tat-tender kemm jista jkun malajr. Kien hemm qbil ukoll li nistennew li jkollna l-van qabel ma nħarsu lejn kera ta' garaxx.

## 5.11 Ħruġ u għoti ta' Offerti

Ġew ippreżentati r-rapport tal-evalwazzjoni għall-akkwist ta' CCTV cameras kif ukoll r-rapport għal xogħol ta' upgrading tal-Latrina Pubblika.

Il-bord tal-evalwazzjoni irrakkomanda li l-offerta tal-Latrina tingħata lil aktar offerta vantaġġjuża li kienet ukoll konformi ma dak li kien mitlub - Dennis Scicluna għal ammont ta' €42,042 (Vat eskluż). Kien hemm qbil unanimu ma dan.

Il-bord tal-evalwazzjoni irrakomanda li l-offerta għall-akkwist tas-CCTV cameras tingħata lil aktar offerta li kienet konformi ma dak li kien mitlub u l-aktar vantaġġjuza – Russian Cilia għal ammont ta' €23,517 (Vat eskluż). Kien hemm qbil unanimu ma dan.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Ghawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

B'referenza għat-tender QLLC07-2023, il-Kunsill qabel unanimament sabiex issir talba għal varjazzjoni, bħala additional item. Dan sabiex ikun jista isir ix-xogħol relatat ma cables ġodda għas-servizz ta' distribuzzjoni ta' dawl lejn il-fanali l-ġodda tal-Pjazza. Dan wara li l-qodma tneħħew max-xogħolijiet li saru fuq il-proġett tat-triq 28ta' April 1688.

Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lill-membri li t-Tlieta se jkun hemm is-sentenza tal-Qorti dwar l-appell tas-servizz ta' skart goff.

Il-membri ġew infurmati li ġie ffirmat il-Kuntratt mal-Perit il-ġdid William Lewis.

Ġie diskuss x-xogħol ta' printed concrete għal diversi roundabouts fil-Qala, liema spiża hija proġettata li tiswa madwar €43,022 (Vat eskluż). Kien hemm qbil li minħabba limitazzjoni ta' fondi, għalissa ma jsirx.

Ġie ffirmat kuntratt għal xogħol ta' knis ma Sultech & Co li se jkopri s-servizz sakemm jiġi ngaġġat impjegat fuq bażi part-time, liema vakanża għaddejja bil-proċess, kif ukoll ikopri s-servizz ta' kull meta jkun mitlub mill-Kunsill.

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li s-servizz tal-manteniment tad-dwal tat-toroq offrut mir-Reġjun bil-Kuntrattur Galea Curmi jidher li qed jiffunzjona aħjar u jekk nużaw dan is-servizz, l-ispiża relatata mal-bozoz LED's jitħallsu mir-Reġjun. Il-Kunsill kellu spiża ta' €2477.81 għal bozoz biss li nbiddlu matul din l-aħħar sena. Kien hemm qbil sabiex nerġgħu nissieħbu ma Galea Curmi għal servizz ta' bdil ta' bozoz LED's filwaqt li xogħol bħal ma hu dak ta' shifting u bozoz ġodda jibqgħu isiru minn Chris Galea minħabba li l-offerta tiegħu għal dan is-servizz hija aktar vantaġġjuża.

## 5.12 Traffic Management Plan

Is-Seg. Eżekuttiv ippreżentat u inqrat id-draft tal-Bye Law – Aċċess ta' vetturi industrijali minn u lejn il-Barrieri fil-Qala. Id-dokument ġie diskuss fid-dettal u kien hemm qbil li jkun hemm ħlas ta' €100 ma' kull applikazzjoni għal kull vettura, jiżdiedu l-ħinijiet permessi li huma bejn is-07.00 u s-19.00- eskludi l-Ħadd u l-festi pubbliċi, kif ukoll li kull terrapin jew forma ta' ħmieġ li jaqa mill-vetturi jrid jitnaddaf fi żmien 24siegħa. Kien hemm qbil unanimu li mmexxu b'din il-Bye Law.

Kien hemm qbil unanimu li toħroġ sejħa għall-offerti sabiex isir Traffic Management Plan għat-toroq tal-Qala kollha. Bħala fondi għal dan l-istudju, kien hemm qbil li jintużaw fondi li kienu proġettati għar-roundabouts.

Kien hemm diskussjoni dwar jekk is-sinjali s-sofor li saru fi triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ li saru b'mod temporanju setgħux jibqgħu hemm, għaliex dawn kellhom jitneħħew bħal ma tneħħew it-tabelli tal-one ways. Għalhekk kien hemm qbil li nitolbu linja gwida dwar dan



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Ghawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

mingħand Transport Malta kif ukoll napplikaw sabiex il-linji s-sofor jerġgħu isiru fi triq 28ta' April 1688.

## 5.13 Proġett tas-Salib u Proġett Żebra Crossing ħdejn il-Kunsill

Is-Segretarju Eżekuttiv tat update dwar il-laqgħat li kienu qed isiru regolarment ma Ambjent Malta dwar il-proġett tas-Salib. Dan dwar l-fondi li kienu għaddew lill-Kunsill għal proġett tas-Salib u li suppost li tlesta sa sentejn ilu. Il-membri ġew infurmati li l-Ministeru għal Għawdex aċċetta li japplika bħala joint project u għalhekk l-Kunsill ikun jikkwalifika għal 100% tal-proġett mill-fondi tal-Planning (DPF). Il-proġett huwa maħsub li jiġi jiswa madwar €250,000, liema fondi l-Kunsill ma hux f'pożizzjoni li jkopri, pero' nistgħu nikkwalifikaw għalihom mill-fondi tad-DPF. Kien hemm qbil sabiex napplikaw flimkien mal-MGP għal fondi mid-Development Planning Funds sabiex ma jintilfux ukoll il-fondi li diġa huma allokati lill-Kunsill minn Ambjent Malta li wkoll qed iżommu laqgħat regolari sabiex jizguraw li qed immexxu bil-proġett. Is-Seg. Ezekuttiv infurmat lill-membri li jekk xi ammonti ma jkunux eleġibbli taħt id-DPF jkunu jridu jiġu koperti jew mill-Kunsill jew issir talba lil-MGP. Il-Perit il-ġdid se jkun qed jaħdem fuq l-applikazzjoni.

Update dwar iz-Zebra Crossing – Is-Sindku ppropona li minflok belishia lights isir pelican lights sabiex ikun hemm aktar sigurta'. Kien hemm qbil sabiex nitolbu lil TM sabiex tara jekk dan jistax isir kif ukoll kien hemm qbil li z-zebra crossing issir kif approvat minn TM. Il-Perit il-ġdid se jkun qed jikkomunika ma TM dwar dan.

## 05.14 Ħarġa Edukattiva fuq il-baħar

Is-Sindku ressaq proposta li ġiet sekondata mill-Viċi Sindku sabiex issir ħarġa edukattiva fuq il-baħar. Kien hemm qbil sabiex din il-ħarġa ssir fis-16 ta' Awwissu 2024 u l-Kunsill jkopri l-ħlas ta' €150 lill-Professur Alan Deidun għal tagħlim edukattiv filwaqt li dawk li jattendu jħallsu l-prezz tad-dgħajsa. Kien hemm qbil dwar dan.

## 05.15 Applikazzjoni għal kamra qrib il-Kappella tal-Madonna tal-Blat

Is-Sindku nforma lill-membri li hemm applikazzjoni sabiex din il-kamra titwaqqa u titla aktar il-fuq f'area li qija ODZ. Hu nforma lill-kamra li peress li kien żmien l-elezzjoni huwa issottometta oġezzjoni f'isem il-Kunsill dwar din l-applikazzjoni u dwar applikazzjoni



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Ghawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

oħra għal bini ta' units f'ODZ fi Triq ta' Ħaġar, pero jekk ma hemmx qbil jirtirhom. Il-Kunsillier Karl Buttiġieġ stqarr li jekk il-Kunsill se joġġezzjona għal applikazzjonijiet f'ODZ trid tintuża l-istess riga ma kulħadd. Id-diskussjoni kompliet dwar il-fatt li s-Sindku issottometta objection f'isem il-Kunsill mingħajr ma l-Kunsill ma kien avżat. Is-Sindku, l-Viċi Sindku u l-Kunsillier Rene Abela qablu mal-oġġezzjoni. Il-Kunsilliera Valerie C Mejlak kif ukoll Karl Buttiġieġ stqarrew li ma jħossuhomx komdi li jsir appell f'isimhom mingħajr ma huma jafu għaliex il-Kunsill ma huwiex is-Sindku waħdu.

*(Il-Kunsilliera Karl Buttiġieġ u Valerie Cassar Mejlak ħarġu mill-kamra fit-19.46)*

Il-Viċi Sindku ressaq proposta li ġiet sekondata mis-Sindku dwar l-għelieqi ta' Ġnien il-Familja. Semma li ġiet identifikata biċċa għal klabb tal-boċċi u għalhekk ippropona li jsir kuntratt mal-Club tal-futbol biex din l-għalqa li ma qeda tintuża għal xejn tgħaddi f'idejn il-futbol għal 5 snin. Is-Sindku talab għal vot. Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lill-membri preżenti li din il-materja għandha tiġi diskussa f'seduta oħra u li Noel Mizzi ma jistax jivvota fuq din il-materja.
*(Noel Mizzi ħareġ mill-kamra fit-19.50)*
Is-Sindku talab għal vot, 2 favur u l-casting vote tas-Sindku favur.
*(Noel Mizzi daħal lura fil-kamra fit-19.52)*
Is-Segretarju Eżekuttiv reġat tenniet li din il-materja ma kinitx fuq l-agenda. Din trid terġa tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

## 5.16 Qari tal-Korrispondenza

05.16.1 PA/06119/22 – Il-Kunsill ġie nformat li hemm appell.

05.16.2 Talba mingħand Licensed Hawker biex tbigħ Hondoq fil-weekends biss u anka fil-Festa. Is-Sindku irrimarka li ma tkun trid tarma 50 metru l-bogħod minn kull establishment u l-area hija privata. Irrimarka wkoll li ma tistax tarma fl-attivita ta' Hondoq by night.

05.16.3 Cats Feeders Scheme 2024- Registration of Cat Feeders till the end of July 24.

05.16.4 Free First Aid Course propost minn Kenny Grima mill-JOb Plus. Il-Kors isir fuq tlett ijiem 23, 24 u 30ta' Settembru. Kien hemm qbil sabiex dan il-kors isir fis-sala tal-Kunsill.

05.16.5 L-Iskema SCI/SCI/04/2024 – Fond ta' Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri ġiet estiża sal-Ġimgħa, 6 ta' Settembru 2024.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Ghawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

05.16.6 Korrispondenza ma TM dwar it-talba tal-Kunsill sabiex issir raised roundabout fi Triq il-Kunċizzjoni.

05.16.7 Bidliet fil-permessi – Caravans u Campers fil-lokalitajiet – Avviż Legali 154 tal-2024. Il-bżonn ta applikazzjoni tneħħa imma sar biss bżonn ta' notifika. Din il-korrispondenza intbgħatet lill-membri qabel il-laqgħa.

05.16.8 Il-Ministeru Għal Għawdex qed joffri l-integrazzjoni tal-Events in Gozo fuq il-website tal-Kunsill Lokali. Nistgħu nagħżlu li l-pagna turi biss l-attivitajiet li jkunu se jsiru fil-Qala jew dak kollu li jkun se jittella madwar Għawdex. Kien hemm qbil ma l-integrazzjoni dwar dak kollu li jkun se jittella madwar Għawdex.

05.16.9 Tnedija ta-raba' sejħa għal proposti taħt miżura 4 – GAG 4 – Rejuvinating Gozo. Tagħlaq il-Ġimgħa, 9ta' Awwissu 2024.

05.16.10 Spejjeż relatati mal-street lighting. Konna qed nużaw is-servizz ta' Chris Galea pero l-kuntratt dalwaqt jiġi eżorbit. Ir-Reġjun Għawdex ħarġu sejħa għal dan is-servizz u wara li tkellemt mas-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun jidher li s-servizz qied jiġi provdut tajjeb u l-ispejjeż għal bozoz LED huma koperti mir-reġjun. Kien hemm qbil kif ġie diskuss aktar il-quddiem.

05.16.11 Talba għal linji sofor fil-kantuniera ta' Triq il-Papa Piu IX. Talba oħra għal linji sofor mal-ġnub tal-garaxx fi Triq it-Telgħa kif ukoll talba oħra sabiex isiru l-linji sofor mal-faċċata tal-garaxx faċċata tal-mużew tas-subien. Kien hemm qbil li napplikaw ma TM.

05.16.12 Korrispondenza mir-Regjun fejn infurmawna li ser jerġgħu jżuruna grupp ta' żgħazagħ mill-Ukraine bejn id-19 u 26ta' Awwissu 2024. Il-Kunsilli qed jerġgħu jkunu mħeġġa biex nipprovdu ġurnata jew ftit sigħat ta' ferħ għal dawn iż-żgħażagħ. (5 girls u 5 boys). Is-Seg. Eżekuttiv fakkret li kienet bagħtet l-informazzjoni lill-membri kollha b'imejl.

05.16.13 Fuq talba tal-LESA ġie maqbul, li l-pagamenti dovuti lil LESA għal servizz ta' uffiċċjal tal-LESA għandhom jitħallsu minnifuh sabiex dan is-servizz jiġi zgurat. LESA qed jitolbu li jitħallsu malli s-servizz ikun ibbukjat. Kien hemm qbil dwar dan. Kien hemm qbil ukoll li jitħallsu l-kontijiet li hemm bżonn relatati mal-Lejla Għawdxija sabiex il-Kunsill jkun jista jissottometti r-rapport għal ġbir ta' fondi mill-iskema.

05.16.14 Irċivejna talba sabiex jerġa jsir il-kors tal-bizzilla matul is-sajf. Sa issa nkitbu 13 -il persuna. Kien hemm qbil li l-kors isir fis-sala tal-Kunsill.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Ghawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

05.16.15 Is-Sinj. Elizabeth Ebejer ressqet suġġeriment li ssir Facebook page tal-Librerija u tkun tieħu ħsiebha hi flimkien mal-Librar. Kien hemm qbil li ssir din il-paġna.

05.16.16 Hemm bżonn li terġa ssir il-mappa kif ukoll jsir tubu ġdid fil-frame ġo Pjazza Mikiel Buttiġieġ. Kien hemm qbil sabiex din issir.

05.16.17 Ir-Reġjun informa lill-Kunsilli li kull min għandu r-rota elettrika, jrid iħallas miżata żgħira ma TM u għalhekk sar kuntatt mal-persuni li kellhom ir-roti. Wieħed qalilna li qatt ma użha u se jirritorha, ieħor wieġeb li ma jridix aktar u ieħor qalilna li kienet imkissra u li kien avża lil Kunsilliera Valerie C Mejlak dwar dan. Hemm bżonn li jsir service tar-roti sabiex nassiguraw li huma fi stat tajjeb qabel ma jiġu offruti lil ħaddieħor. Il-Kunsill talab stima mingħand is-supplier li pprovda r-roti li hija ta' €200 li jkopru travelling costs u €55 għal kull siegħa ta' xogħol. Kien hemm qbil li nistaqsu lir-reġjun jekk hemmx xi kunsill ieħor li għandu bżonn ħalli l-ispiża tal-kuntrattur biex jiġi Għawdex tkun tista tinqasam.

05.16.8 Inġabbru l-kwotazzjonijiet biex nixtru 2 file storage systems li huma bżonnjużi għall-uffiċċju kif ukoll għall-inner doggy bins. Kien hemm qbil sabiex immexxu bl-akkwist tagħhom. Is-Sindku ssuġġerixxa li jsir sandblasting tal-fanali l-kbar tal-pjazza. L-prezz għal dan ix-xogħol huwa ta' € 275 (vat esklużż) għal kull fanal. Kien hemm qbil li dan ix-xogħol isir.

05.16.9 Twaħħlet it-tabella tat-triq il-ġdida bl-isem L-Arċipriet Dun Anton Sultana.

05.16.10 Update dwar il-Monument tal-vittmi tal-gwerra - Saret komunikazzjoni mal-Perita li kienet involuta fid-DNO u kkonfermat li ma hemmx bżonn ta' applikazzjoni ġdida sabiex il-qis tal-monument jiċkien. L-kuntrattur (Axiak & Sons) irid jitħallas għax-xogħol li sar. Sadanittant intalbet kwotazzjoni lill-istess kuntrattur għal xogħol li hemm bżonn sabiex dan jiċċekken skont id-deċizjoni tal-Kunsill.

05.16.11 Ġiet diskussa l-problema li l-Kunsill qed isib sabiex jakkwista s-servizz ta' tisqija tax-xtieli. Is-Sindku ssuġġerixxa li jinxtara trailer li jkun jiflaħ 2 tankijiet tal-elf litru ilma kull wieħed u mutur. Dan biex jkunu jistgħu jsaqqu l-ħaddiema tal-Kunsill għax inkella se jipiċċa jmut kollox. Kien hemm qbil ma dan.

05.16.12 Ġejna nfurmati mill-Wasteserv sabiex napplikaw għal permess biex nidħlu nbattlu ż-żibel. Għalhekk rridu nħallsu l-kontijiet relatati mall-piż kull darba li nidħlu bit-trukk narmu.



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Ghawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt

05.16.13 Is-Seg. Ezekuttiv infurmat lill-membri li fl-24ta' Ġunju reġat bagħtet reminder lid-Direttur Ivan Pierre Vella sabiex il-Kunsill jingħata risposta dwar il-petition tal-Buses pero sal-lum għadna bla tweġiba. Infurmat lill-Kunsill li l-proċess sabiex il-Kunsill ikollu meter tad-dawl għalih miexi.

05.16.14 Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lill-membri li l-laptop li kien jintuża biss għar-recordings tal-laqgħat instab miksur. Dan intuża l-aħħar minn student mibgħut mir-Reġjun li ġie jivverfika l-inventory numbers. Xħin l-iskrivana tal-Kunsill ħarġet il-laptop mill-pocket tiegħu biex tippreparah għal laqgħa ssibu mkisser. Jidher li l-laptop b'xi mod kien ħa daqqa. Minħabba li l-istudent kien ħareġ bil-laptop barra mill-uffiċċju ma nqabadx mill-kameras u għalhekk ħadd ma jista jkun ċert x'ġara u jekk kienx dak il-ħin li l-laptop inkiser. Sar komunikat mal-Manager tal-IT mir-reġjun kif ukoll mal-IT technician tal-kunsill sabiex instab mezz kif il-laptop tqabbad temporanjament, pero dan irid jissewwa. Se jsiru wkoll l-arranġamenti sabiex l-programm tar-recordings jkun jista jiġi ntsallat fuq laptop ieħor sabiex il-laqgħat jkunu jistgħu jitkomplew jiġu rrekordjati mingħajr diffikultajiet.

## 5.17 Tmiem il-laqgħa u d-data tas-seduta li jmiss.

5.12.1 Il-laqgħa ġiet fi tmiema fis-20.15pm u l-laqgħa tal-Kunsill li jmiss ġiet skedata għal nhar il-Tlieta, 20 ta' Awwissu fl-16.00p.m.

Paul Buttigieg
Sindku

Heidi Grech
Segretarju Eżekutt



Ċentru Ċiviku, Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala, Għawdex, Malta
+356 2155 2555 qala.lc@gov.mt